# DIRETTIVI

## DIRETTIVA TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2017/1279

### tal-14 ta' Lulju 2017

### li temenda l-Annessi I sa V tad-Direttiva tal-Kunsill 2000/29/KE dwar il-miżuri protettivi kontra l-introduzzjoni ġewwa l-Komunità ta' organiżmi ta' ħsara għall-prodotti tal-pjanti u kontra t-tixrid tagħhom ġewwa l-Komunità

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 2000/29/KE tat-8 ta' Mejju 2000 dwar il-miżuri protettivi kontra l-introduzzjoni ġewwa l-Komunità ta' organiżmi ta' ħsara għall-prodotti tal-pjanti u kontra t-tixrid tagħhom ġewwa l-Komunità ([1]), u b'mod partikolari l-punti (c) u (d) tat-tieni paragrafu tal-Artikolu 14 tagħha,

Billi:

(1) Wara r-reviżjoni ppubblikata dan l-aħħar tad-denominazzjoni xjentifika rispettiva, id-denominazzjoni *Anoplophora malasiaca* (Forster) hija meqjusa sinonimu ta' *Anoplophora chinensis* (Thomson), diġà inkluża fit-Taqsima I tal-Parti A tal-Anness I tad-Direttiva 2000/29/KE. Għalhekk, jenħtieġ li *Anoplophora malasiaca* (Forster) titneħħa mit-Taqsima I tal-Parti A tal-Anness I tad-Direttiva 2000/29/KE.

(2) Bl-għan li jiġu protetti l-pjanti, il-prodotti tal-pjanti u oġġetti oħra, fid-dawl taż-żieda fil-kummerċ internazzjonali u wara valutazzjonijiet tar-riskju fitosanitarju mwettqa u ppubblikati reċentement mill-Organizzazzjoni Ewropea u Mediterranja għall-Protezzjoni tal-Pjanti, huwa teknikament ġustifikat u konsistenti mar-riskji fitosanitarji involuti li l-organiżmi ta' ħsara *Bactericera cockerelli* (Sulc.), *Keiferia lycopersicella* (Walsingham), *Saperda candida* Fabricius u *Thaumatotibia leucotreta* (Meyrick) jiżdiedu mat-Taqsima I tal-Parti A tal-Anness I tad-Direttiva 2000/29/KE.

(3) Huwa teknikament ġustifikat li *Xylella fastidiosa* (Wells *et al.*) jitħassar mit-Taqsima I tal-Parti A tal-Anness I tad-Direttiva 2000/29/KE u li dan jiżdied mat-Taqsima II ta' dik il-Parti peress li dan l-organiżmu ta' ħsara huwa magħruf li jeżisti fl-Unjoni.

(4) Il-preżenza tal-organiżmu ta' ħsara *Xanthomonas campestris* (ir-razez kollha patoġeniċi għaċ-Ċitru) tippreżenta riskju inaċċettabbli għall-produzzjoni u għall-kummerċ tal-pjanti, tal-prodotti tal-pjanti u ta' oġġetti oħra. Barra minn hekk, ir-razez ta' *Xanthomonas campestris* patoġeniċi għaċ-ċitru ġew ikklassifikati mill-ġdid. *Xanthomonas citri* pv. *citri* u *Xanthomonas citri* pv. *aurantifolii* huma l-aġenti kawżali tal-marda tal-kankru taċ-ċitru. Għalhekk, huwa xjentifikament ġustifikat u konsistenti mar-riskju fitosanitarju involut li *Xanthomonas campestris* jitħassar mit-Taqsima I tal-Parti A tal-Anness II tad-Direttiva 2000/29/KE u jiġi inkluż fit-Taqsima I tal-Parti A tal-Anness I ta' dik id-Direttiva taħt l-ismijiet *Xanthomonas citri* pv. *aurantifolii* u *Xanthomonas citri* pv. *citri*.

(5) Wara r-reviżjoni tad-denominazzjoni xjentifika rispettiva, l-organiżmu ta' ħsara *Guignardia citricarpa* Kiely (ir-razez kollha patoġeniċi għaċ-Ċitru) ingħata l-isem ġdid ta' *Phyllosticta citricarpa* (McAlpine) Van der Aa, l-aġent kawżali tal-marda tat-tikek suwed (black spot) fuq iċ-ċitru. Jippreżenta wkoll riskju inaċċettabbli għall-produzzjoni u għall-kummerċ ta' pjanti, ta' prodotti tal-pjanti u ta' oġġetti oħra. Għalhekk, huwa teknikament ġustifikat u konsistenti mar-riskju fitosanitarju involut li mit-Taqsima I tal-Parti A tal-Anness II tad-Direttiva 2000/29/KE jitmexxa lejn it-Taqsima I tal-Parti A tal-Anness I ta' dik id-Direttiva u jingħata l-isem ġdid ta' *Phyllosticta citricarpa* (McAlpine) Van der Aa.

(6) Jenħtieġ li l-iżbalji tipografiċi dwar l-ismijiet xjentifiċi tal-organiżmi ta' ħsara *Phyloosticta solitaria* Ell. u Ev. u *Popilia japonica* Newman fit-Taqsimiet I u II rispettivament, tal-Parti A tal-Anness I tad-Direttiva 2000/29/KE u *Aleurocantus* spp. u *Aonidella citrina* Coquillet fit-Taqsima I tal-Parti A tal-Anness II ta' dik id-Direttiva jiġu kkoreġuti u jenħtieġ li jiġu sostitwiti kif applikabbli bi *Phyllosticta solitaria* Ellis & Everhart, *Popillia japonica* Newman, *Aleurocanthus* spp. u *Aonidiella citrina* Coquillet rispettivament. Bl-istess mod, jenħtieġ li żbalji tipografiċi fid-denominazzjoni xjentifika ta' *Zea mays* L. jiġu kkoreġuti wkoll fl-annessi kollha fejn issir referenza għal dik l-ispeċi. Jenħtieġ li l-iżball tipografiku fid-denominazzjoni xjentifika ta' *Amiris* P. Browne fit-Taqsima I tal-Parti B tal-Anness V ta' dik id-Direttiva jiġi kkoreġut u sostitwit b'*Amyris* P. Browne.

([1]) ĠU L 169, 10.7.2000, p. 1.

(7) Wara r-reviżjoni ppubblikata dan l-aħħar tad-denominazzjoni xjentifika rispettiva, Elm phlöem necrosis mycoplasm ingħata l-isem ġdid ta' "*Candidatus* Phytoplasma ulmi". Barra minn hekk, huwa teknikament ġustifikat li dak l-organiżmu jitħassar mit-Taqsima I tal-Parti A tal-Anness I tad-Direttiva 2000/29/KE (fejn huwa mniżżel bħala Elm phlöem necrosis mycoplasm) u jiġi inkluż fit-Taqsima II ta' dik il-Parti bħala "*Candidatus* Phytoplasma ulmi" peress li dan l-organiżmu ta' ħsara huwa magħruf li jeżisti fl-Unjoni. Dan huwa skont il-kategorizzazzjoni fitosanitarja tal-organiżmu, li saret mill-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel (EFSA) ([1]). Jenħtieġ li l-isem il-ġdid ikun rifless ukoll fl-Anness IV tad-Direttiva 2000/29/KE.

(8) Huwa teknikament ġustifikat u konsistenti mar-riskju fitosanitarju involut li l-organiżmu ta' ħsara Vajrojd tat-tuberi mrekkla tal-patata (Potato spindle tuber viroid) jitħassar mit-Taqsima I tal-Parti A tal-Anness I tad-Direttiva 2000/29/KE, peress li dak l-organiżmu ta' ħsara nxtered u huwa stabbilit f'għadd ta' pjanti ospitanti f'parti kbira mill-Unjoni. L-organiżmu huwa inkluż fit-Taqsima II tal-Parti A tal-Anness II ta' dik id-Direttiva sabiex jiġu protetti l-prodotti bażiċi li attwalment huma ħielsa u fejn il-preżenza tiegħu tippreżenta riskju sinifikanti u tikkawża telf sinifikanti.

(9) Wara r-reviżjoni ppubblikata dan l-aħħar tad-denominazzjoni xjentifika rispettiva, l-organiżmu ta' ħsara *Xanthomonas campestris* pv. *pruni* (Smith) Dye jenħtieġ li jingħata l-isem ġdid ta' *Xanthomonas arboricola* pv. *pruni* (Smith) Vauterin *et al.*

(10) Jenħtieġ li r-rekwiżiti speċjali għall-injam inklużi fit-Taqsima I tal-Parti A tal-Anness IV tad-Direttiva 2000/29/KE jiġu riveduti sabiex jiġu allinjati mal-Istandard Internazzjonali rilevanti għal Miżuri Fitosanitarji (ISPM 15) u jkomplu jiġi ċċarati aktar. Barra minn hekk, jenħtieġ li l-eżenzjoni tal-imballaġġ tal-injam mir-rekwiżiti speċifiċi għall-injam ta' *Platanus* L. f'dik it-Taqsima tiġi aġġornata peress li kienet tħalliet barra fl-aħħar emenda ta' dik it-Taqsima.

(11) Abbażi ta' għarfien xjentifiku u tekniku, huwa teknikament aċċettabbli li jiġu inklużi rekwiżiti speċjali għall-introduzzjoni ta' ċerti pjanti, prodotti tal-pjanti u oġġetti oħra ġewwa l-Unjoni minħabba l-probabbiltà tagħhom li jospitaw l-organiżmi ta' ħsara msemmija fil-premessa (2). Għaldaqstant, jenħtieġ li l-pjanti, il-prodotti tal-pjanti u oġġetti rilevanti oħra jiġu elenkati fil-Parti A tal-Anness IV tad-Direttiva 2000/29/KE.

(12) Fir-rigward tal-organiżmi ta' ħsara msemmija fil-premessi (4), (5), u (7) huwa meħtieġ li jiġu emendati r-rekwiżiti speċjali stabbiliti fil-Parti A tal-Anness IV tad-Direttiva 2000/29/KE minħabba żviluppi fl-għarfien xjentifiku u tekniku u l-valutazzjonijiet ippubblikati reċentement dwar ir-riskju fitosanitarju mwettqa mill-EFSA. L-għan tar-rekwiżiti emendati huwa li jitnaqqas ir-riskju fitosanitarju kkawżat mill-introduzzjoni ġewwa l-Unjoni ta' dawk il-pjanti, prodotti tal-pjanti u oġġetti oħra li joriġinaw minn pajjiżi terzi għal livell aċċettabbli.

(13) Wara valutazzjonijiet tar-riskju fitosanitarju, huwa teknikament ġustifikat u konsistenti mar-riskji assoċjati mal-organiżmu ta' ħsara *Trioza erytreae* Del Guercio li *Murraya* J. Koenig *ex* L. jiżdied mal-lista ta' pjanti ospitanti ta' dak l-organiżmu ta' ħsara fil-punti rilevanti fit-Taqsimiet I u II tal-Parti A tal-Anness IV tad-Direttiva 2000/29/KE. Barra minn hekk, jenħtieġ li *Choisya* Kunt tiġi inkluża fil-lista ta' pjanti ospitanti ta' dak l-organiżmu ta' ħsara wara s-sejbiet fl-Istati Membri. Għalhekk, jenħtieġ li r-rekwiżiti speċjali għall-importazzjoni u għall-moviment tal-pjanti ospitanti fl-Unjoni fil-punti relevanti fit-Taqsimiet I u II tal-Parti A tal-Anness IV tad-Direttiva 2000/29/KE jiġu emendati.

(14) Barra minn hekk, jenħtieġ li l-pjanti, il-prodotti tal-pjanti jew l-oġġetti oħra msemmija fil-premessi (10) sa (13) ikunu soġġetti għal spezzjonijiet tas-saħħa tal-pjanti qabel ma jiġu introdotti jew jiġu ttrasportati fi ħdan l-Unjoni. Għaldaqstant, jenħtieġ li dawk il-pjanti, il-prodotti tal-pjanti u l-oġġetti oħra jiġu elenkati fil-Parti A jew B tal-Anness V tad-Direttiva 2000/29/KE.

(15) Jenħtieġ li l-kodiċijiet NM għall-injam stabbiliti fl-Anness V tad-Direttiva 2000/29/KE jiġu aġġornati sabiex jiġu allinjati mal-kodiċijiet NM attwali użati fir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 ([2]) kif emendat mir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/1821 ([3]).

([1]) Il-Bord tal-EFSA dwar is-Saħħa tal-Pjanti, 2014. Opinjoni Xjentifika dwar il-kategorizzazzjoni fitosanitarja ta' Elm phloem necrosis mycoplasm. *EFSA Journal* 2014; 12(7):3773, 34 pp. doi:10.2903/j.efsa.2014.3773

([2]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87, tat-23 ta' Lulju 1987, dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ta' Dwana (ĠU L 256, 7.9.1987, p. 1).

([3]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/1821 tas-6 ta' Ottubru 2016 li jemenda l-Anness I tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ta' Dwana (ĠU L 294, 28.10.2016, p. 1).

(16) Skont ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 690/2008 ([1]) ċerti żoni ġew rikonoxxuti bħala żoni protetti fir-rigward ta' diversi organiżmi ta' ħsara. Reċentement dak ir-Regolament ġie emendat biex jitqiesu l-aħħar żviluppi fir-rigward taż-żoni protetti fl-Unjoni u l-organiżmi ta' ħsara li ġejjin: *Bemisia tabaci* Genn. (il-popolazzjonijiet Ewropej), *Candidatus* Phytoplasma ulmi, *Ceratocystis platani* (J. M. Walter) Engelbr. & T. C. Harr., il-virus Citrus tristeza (ir-razez Ewropej), *Curtobacterium flaccumfaciens* pv. *flaccumfaciens* (Hedges) Col., *Dryocosmus kuriphilus* Yasumatsu, *Erwinia amylovora* (Burr.) Winsl. *et al.*, *Globodera pallida* (Stone) Behrens, *Globodera rostochiensis* (Wollenweber) Behrens, *Paysandisia archon* (Burmeister), *Rhynchophorus ferrugineus* (Olivier), *Thaumetopoea pityocampa* Denis & Schiffermüller, *Thaumetopoea processionea* L., Il-virus tal-marda li ddebbel it-tadam u *Xanthomonas arboricola* pv. *pruni* (Smith) Vauterin *et al.* Sabiex jiġi żgurat li r-rekwiżiti dwar iż-żoni protetti fir-rigward tal-organiżmi ta' ħsara rispettivi huma konsistenti, jenħtieġ li r-rekwiżiti rilevanti fl-Annessi I sa V tad-Direttiva 2000/29/KE jiġu aġġornati.

(17) Barra minn hekk, diversi żoni fl-Unjoni li ġew rikonoxxuti bħala żoni protetti fir-rigward ta' ċerti organiżmi ta' ħsara ma għadhomx jissodisfaw ir-rekwiżiti minħabba li dawk l-organiżmi ta' ħsara ġew stabbiliti hemmhekk jew l-Istati Membri kkonċernati talbu għar-revoka tal-istatus ta' żona protetta. Dawk iż-żoni huma dawn li ġejjin: ir-reġjun ta' Ribatejo e Oeste fil-Portugall fir-rigward ta' *Bemisia tabaci* Genn. (il-popolazzjonijiet Ewropej); il-kontea ta' Odemira f'Alentejo fil-Portugall fir-rigward tal-virus Citrus tristeza (ir-razez Ewropej); it-territorju tal-Portugall fir-rigward ta' *Curtobacterium flaccumfaciens* pv. *flaccumfaciens* (Hedges) Col. u *Dryocosmus kuriphilus* Yasumatsu; il-komunitajiet awtonomi ta' Andalucía u Madrid u d-distretti (Comarcas) ta' Segrià, Noguera, Pla d'Urgell, Garrigues u Urgell fil-provinċja ta' Lleida (Comunidad autonoma de Catalunya) fi Spanja; il-provinċji ta' Milan u Varese (il-Lombardija) u l-komuni ta' Busca, Centallo u Tarantasca fil-provinċja ta' Cuneo (Pjemonte) fl-Italja; it-townlands ta' Ballinran Upper, Carrigenagh Upper, Ballinran, u Carrigenagh f'County Down, u ż-Żona Elettorali ta' Dunmurry Cross f'Belfast, County Antrim (l-Irlanda ta' Fuq) fir-Renju Unit u t-territorju kollu tal-kontea ta' Dunajská Streda fis-Slovakkja fir-rigward ta' *Erwinia amylovora* (Burr.) Winsl. *et al.*; iż-żoni tal-awtorità lokali ta' Guildford u Woking fir-Renju Unit fir-rigward ta' *Thaumetopoea processionea* L. u t-territorju tal-Finlandja fir-rigward tal-virus li jdebbel it-tadam. Jenħtieġ li dan jiġi rifless fil-Parti B tal-Annessi I sa IV tad-Direttiva 2000/29/KE.

(18) Jenħtieġ li l-iżbalji fid-delimitazzjoni taż-żoni protetti għal *Leptinotarsa decemlineata* Say fil-Finlandja u fl-Iżvezja fil-Parti B tal-Anness I tad-Direttiva 2000/29/KE jiġu kkoreġuti u jinġiebu f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 690/2008.

(19) Sabiex jiġu protetti l-produzzjoni u l-kummerċ ta' pjanti, ta' prodotti tal-pjanti u ta' oġġetti oħra, huwa teknikament ġustifikat u konsistenti mar-riskju fitosanitarju involut li l-organiżmu ta' ħsara *Globodera rostochiensis* (Wollenweber) Behrens jiżdied mal-Parti B tal-Anness I tad-Direttiva 2000/29/KE u *Paysandisia archon* (Burmeister), *Rhynchophorus ferrugineus* (Olivier), *Thaumetopoea pityocampa* Denis & Schiffermüller u*Xanthomonas arboricola* pv. *pruni* (Smith) Vauterin *et al.* mal-Parti B tal-Anness II ta' dik id-Direttiva.

(20) Minn tagħrif ipprovdut mill-Portugall, jidher li t-territorju tal-Azores huwa ħieles minn *Globodera pallida* (Stone) Behrens, *Globodera rostochiensis* (Wollenweber) Behrens u *Rhynchophorus ferrugineus* (Olivier) u li l-Azores jissodisfa l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 2(1) tad-Direttiva 2000/29/KE għat-twaqqif ta' żona protetta fir-rigward ta' dawk l-organiżmi ta' ħsara. Jenħtieġ li l-Parti B tal-Annessi I, II u IV tad-Direttiva 2000/29/KE jiġu emendati skont dan. Bl-istess mod, jenħtieġ li l-Parti B tal-Anness IV u l-Parti A tal-Anness V ta' dik id-Direttiva jiġu emendati biex jiġu introdotti rekwiżiti għat-trasport ta' ċerti pjanti, prodotti tal-pjanti u oġġetti oħra ġewwa ż-żoni protetti.

(21) Minn tagħrif ipprovdut mill-Irlanda, minn Malta u mir-Renju Unit, jidher li t-territorji ta' dawk l-Istati Membri huma ħielsa minn *Paysandisia archon* (Burmeister) u li dawk it-territorji jissodisfaw il-kundizzjonijiet stabbiliti fil-punt (h) tal-Artikolu 2(1) tad-Direttiva 2000/29/KE għat-twaqqif ta' żona protetta fir-rigward ta' dak l-organiżmu ta' ħsara. Jenħtieġ li l-Parti B tal-Annessi II u IV tad-Direttiva 2000/29/KE jiġu emendati skont dan. Bl-istess mod, jenħtieġ li l-Parti B tal-Anness IV u l-Parti A tal-Anness V ta' dik id-Direttiva jiġu emendati biex jiġu introdotti rekwiżiti għat-trasport ta' ċerti pjanti, prodotti tal-pjanti u oġġetti oħra ġewwa ż-żoni protetti.

(22) Minn tagħrif ipprovdut mill-Irlanda u mir-Renju Unit, jidher li t-territorji ta' dawk l-Istati Membri huma ħielsa minn *Rhynchophorus ferrugineus* (Olivier) u li dawk it-territorji jissodisfaw il-kundizzjonijiet stabbiliti fil-punt (h) tal-Artikolu 2(1) tad-Direttiva 2000/29/KE għat-twaqqif ta' żona protetta fir-rigward ta' dak l-organiżmu ta' ħsara. Jenħtieġ li l-Parti B tal-Annessi II u IV tad-Direttiva 2000/29/KE jiġu emendati skont dan. Bl-istess mod, jenħtieġ li l-Parti B tal-Anness IV u l-Parti A tal-Anness V ta' dik id-Direttiva jiġu emendati biex jiġu introdotti rekwiżiti għat-trasport ta' ċerti pjanti, prodotti tal-pjanti u oġġetti oħra ġewwa ż-żoni protetti.

---

([1]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 690/2008 tal- 4 ta' Lulju 2008 li jirrikonoxxi żoni protetti esposti għal riskji partikolari għas-saħħa tal-pjanti fil-Komunità (Riformulazzjoni) (ĠU L 193, 22.7.2008, p. 1).

(23) Minn tagħrif ipprovdut mir-Renju Unit, jidher li t-territorju tiegħu huwa ħieles minn *Thaumetopoea pityocampa* Denis & Schiffermüller u*Xanthomonas arboricola* pv. *pruni* (Smith) Vauterin *et al.* u li jissodisfa l-kundizzjonijiet stabbiliti fil-punt (h) tal-Artikolu 2(1) tad-Direttiva 2000/29/KE għat-twaqqif ta' żona protetta fir-rigward ta' dawk l-organiżmi ta' ħsara. Jenħtieġ li l-Parti B tal-Annessi II u IV tad-Direttiva 2000/29/KE jiġu emendati skont dan. Bl-istess mod, jenħtieġ li l-Parti B tal-Anness IV u l-Parti A tal-Anness V ta' dik id-Direttiva jiġu emendati biex jiġu introdotti rekwiżiti għat-trasport ta' ċerti pjanti, prodotti tal-pjanti u oġġetti oħra ġewwa ż-żoni protetti.

(24) Minn tagħrif ipprovdut mill-Irlanda, jidher li t-territorju tagħha huwa ħieles minn *Ceratocystis platani* (J. M. Walter) Engelbr. & T. C. Harr. u li tissodisfa l-kundizzjonijiet stabbiliti fil-punt (h) tal-Artikolu 2(1) tad-Direttiva 2000/29/KE għat-twaqqif ta' żona protetta fir-rigward ta' dak l-organiżmu ta' ħsara. Jenħtieġ li l-Parti B tal-Annessi II u IV tad-Direttiva 2000/29/KE jiġu emendati skont dan.

(25) Analiżi reċenti tar-riskju fitosanitarju turi li r-rekwiżiti attwali fir-rigward tal-introduzzjoni f'ċerti żoni protetti u għall-moviment fi ħdanhom ta' pjanti, oġġetti tal-pjanti u oġġetti oħra fir-rigward ta' *Bemisia tabaci* Genn. (il-popolazzjonijiet Ewropej) u *Daktulosphaira vitifoliae* (Fitch) mhumiex xierqa biex inaqqsu r-riskju fitosanitarju inkwistjoni għal livelli aċċettabbli. Jenħtieġ li dawk ir-rekwiżiti jiġu riformulati fil-Parti B tal-Anness IV tad-Direttiva 2000/29/KE.

(26) Għalhekk, jenħtieġ li l-Annessi I sa V tad-Direttiva 2000/29/KE jiġu emendati skont dan.

(27) Il-miżuri previsti f'din id-Direttiva huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DIN ID-DIRETTIVA:

*Artikolu 1*

L-Annessi I sa V tad-Direttiva 2000/29/KE huma emendati skont l-Anness ta' din id-Direttiva.

*Artikolu 2*

1. L-Istati Membri għandhom jadottaw u jippubblikaw, sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2017 il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex jikkonformaw ma' din id-Direttiva. Għandhom jikkomunikaw minnufih lill-Kummissjoni t-test ta' dawk id-dispożizzjonijiet.

Għandhom japplikaw dawk id-dispożizzjonijiet mill-1 ta' Jannar 2018.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawk id-dispożizzjonijiet, għandu jkollhom referenza għal din id-Direttiva jew ikunu akkumpanjati minn referenza bħal din waqt il-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. L-Istati Membri għandhom jiddeterminaw il-mod kif għandha ssir dik ir-referenza.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet prinċipali tad-dritt nazzjonali li jadottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva.

*Artikolu 3*

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

*Artikolu 4*

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, l-14 ta' Lulju 2017.

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

Jean-Claude JUNCKER

*ANNESS*

L-Annessi I sa V tad-Direttiva 2000/29/KE qed jiġu emendati kif ġej:

(1) L-Anness I qed jiġi emendat kif ġej:

(a) Il-Parti A qed tiġi emendata kif ġej:

(i) It-Taqsima I qed tiġi emendata kif ġej:

— l-intestatura (a) qed tiġi emendata kif ġej:

— il-punt 5 jitħassar;

— il-punt li ġej jiddaħħal wara l-punt 6:

"6.1. *Bactericera cockerelli* (Sulc.)"

— il-punt li ġej jiddaħħal wara l-punt 11.1:

"11.2. *Keiferia lycopersicella* (Walsingham)"

— il-punt li ġej jiddaħħal wara l-punt 19.1:

"19.2. *Saperda candida* Fabricius"

— il-punt li ġej jiddaħħal wara l-punt 25:

"25.1. *Thaumatotibia leucotreta* (Meyrick)"

— l-intestatura (b) qed tiġi emendata kif ġej:

— il-punt 1 jitħassar;

— il-punti li ġejjin jiddaħħlu wara l-punt 0.1:

"2. *Xanthomonas citri* pv. *aurantifolii*

2.1. *Xanthomonas citri* pv. *citri*"

— l-intestatura (c) qed tiġi emendata kif ġej:

— il-punt li ġej jiddaħħal wara l-punt 12:

"12.1. *Phyllosticta citricarpa* (McAlpine) Van der Aa"

— fil-punt 13, "*Phyloosticta solitaria* Ell. and Ev." qed jiġi sostitwit b'"*Phyllosticta solitaria* Ellis & Everhart"

— l-intestatura (d) qed tiġi emendata kif ġej:

— il-punt 1 jitħassar;

— fil-punt 2, is-subpunt (e) jitħassar;

(ii) It-Taqsima II qed tiġi emendata kif ġej:

— fl-intestatura (a), il-punt 8, "*Popilia japonica* Newman", qed jiġi sostitwit bi "*Popillia japonica* Newman"

— fl-intestatura (b), il-punt li ġej jiddaħħal wara l-punt 2:

"3. *Xylella fastidiosa* (Wells *et al.*)"

— fl-intestatura (b), il-punt li ġej jiddaħħal wara l-punt 2:

"2.1. '*Candidatus* Phytoplasma ulmi'"

(b) Il-Parti B qed tiġi emendata kif ġej:

(i) l-intestatura (a) qed tiġi emendata kif ġej:

— il-punt 1 qed jiġi sostitwit b'dan li ġej:

| | |
|---|---|
| "1. *Bemisia tabaci* Genn. (popolazzjonijiet Ewropej) | IRL, P (Azores, Beira Interior, Beira Litoral, Entre Douro e Minho u Trás-os-Montes), UK, S, FI" |

— il-punt 1.2 qed jiġi sostitwit b'dan li ġej:

| | |
|---|---|
| "1.2. *Dryocosmus kuriphilus* Yasumatsu | IRL, UK" |

— il-punt 2 qed jiġi sostitwit b'dan li ġej:

| | |
|---|---|
| "2. *Globodera pallida* (Stone) Behrens | FI, LV, P (Azores), SI, SK" |

— il-punt li ġej jiddaħħal wara l-punt 2:

| | |
|---|---|
| "2.1. *Globodera rostochiensis* (Wollenweber) Behrens | P (Azores)" |

— il-punt 3 qed jiġi sostitwit b'dan li ġej:

| | |
|---|---|
| "3. *Leptinotarsa decemlineata* Say | E (Ibiza u Menorca), IRL, CY, M, P (Azores u Madeira), UK, S (il-kontej ta' Blekinge, Gotland, Halland, Kalmar u Skåne), FI (id-distretti ta' Åland, Häme, Kymi, Pirkanmaa, Satakunta, Turku u Uusimaa,)" |

— il-punt 5 qed jiġi sostitwit b'dan li ġej:

| | |
|---|---|
| "5. *Thaumetopoea processionea* L. | IRL, UK (minbarra ż-żoni tal-awtorità lokali ta' Barnet; Brent; Bromley; Camden; Il-Belt ta' Londra; Il-Belt ta' Westminster; Croydon; Ealing; Id-Distrett ta' Elmbridge; Id-Distrett ta' Epsom and Ewell; Guildford; Hackney; Hammersmith & Fulham; Haringey; Harrow; Hillingdon; Hounslow; Islington; Kensington & Chelsea; Kingston upon Thames; Lambeth; Lewisham; Merton; Reading; Richmond Upon Thames; Id-Distrett ta' Runnymede; Slough; South Oxfordshire; Southwark; Spelthorne District; Sutton; Tower Hamlets; Wandsworth; West Berkshire u Woking)" |

(ii) fl-intestatura (b), il-punt 2, fil-kolonna tal-lemin, "S, FI" qed jiġi sostitwit b'"S".

(2) L-Anness II qed jiġi emendat kif ġej:

(a) Il-Parti A qed tiġi emendata kif ġej:

(i) It-Taqsima I qed tiġi emendata kif ġej:

— l-intestatura (a) qed tiġi emendata kif ġej:

— fil-punt 2, fil-kolonna tax-xellug, "*Aleurocantus* spp." qed jiġi sostitwit b'"*Aleurocanthus* spp."

— fil-punt 5, fil-kolonna tax-xellug, "*Aonidella citrina* Coquillet" qed jiġi sostitwit bi "*Aonidiella citrina* Coquillet"

— l-intestatura (b) qed tiġi emendata kif ġej:

— fil-punt 3, fil-kolonna tal-lemin, "Żrieragħ ta' *Zea mais* L." qed jiġi sostitwit bi "Żrieragħ ta' *Zea mays* L."

— il-punt 4 jitħassar;

— fl-intestatura (c), il-punt 11 jitħassar;

(ii) It-Taqsima II qed tiġi emendata kif ġej:

— fl-intestatura (b), il-punt 8, fil-kolonna tax-xellug, "*Xanthomonas campestris* pv. *pruni* (Smith) Dye" qed jiġi sostitwit bi "*Xanthomonas arboricola* pv. *pruni* (Smith) Vauterin *et al.*"

— fl-intestatura (b), il-punt li ġej jiddaħħal wara l-punt 7:

| | |
|---|---|
| "7.1. Vajrojd tat-tuberi mrekkla tal-patata | Pjanti għat-tħawwil (fosthom żrieragħ) ta' *Solanum lycopersicum* L. u l-ibridi tiegħu, *Capsicum annuum* L., *Capsicum frutescens* L. u pjanti ta' *Solanum tuberosum* L." |

(b) Il-Parti B qed tiġi emendata kif ġej:

(i) l-intestatura (a) qed tiġi emendata kif ġej:

— il-punti li ġejjin jiddaħħlu wara l-punt 6:

| | | |
|---|---|---|
| "6.1. *Paysandisia archon* (Burmeister) | Pjanti ta' *Palmae*, intiżi għat-tħawwil, b'dijametru fil-bażi taz-zokk ta' iktar minn 5 cm u li jappartjenu għall-ġeneri li ġejjin: *Brahea* Mart., *Butia* Becc., *Chamaerops* L., *Jubaea* Kunth, *Livistona* R. Br., *Phoenix* L., *Sabal* Adans., *Syagrus* Mart., *Trachycarpus* H. Wendl., *Trithrinax* Mart., *Washingtonia* Raf. | IRL, MT, UK |
| 6.2. *Rhynchophorus ferrugineus* (Olivier) | Pjanti ta' *Palmae*, intiżi għat-tħawwil, b'dijametru fil-bażi taz-zokk ta' iktar minn 5 cm u li jappartjenu għall-ġeneri li ġejjin: *Areca catechu* L., *Arenga pinnata* (Wurmb) Merr., *Bismarckia* Hildebr. & H. Wendl., *Borassus flabellifer* L., *Brahea armata* S. Watson, *Brahea edulis* H. Wendl., *Butia capitata* (Mart.) Becc., *Calamus merrillii* Becc., *Caryota maxima* Blume, *Caryota cumingii* Lodd. ex Mart., *Chamaerops humilis* L., *Cocos nucifera* L., *Copernicia* Mart., *Corypha utan* Lam., *Elaeis guineensis* Jacq., *Howea forsteriana* Becc., *Jubaea chilensis* (Molina) Baill., *Livistona australis* C. Martius, *Livistona decora* (W. Bull) Dowe, *Livistona rotundifolia* (Lam.) Mart., *Metroxylon sagu* Rottb., *Phoenix canariensis* Chabaud, *Phoenix dactylifera* L., *Phoenix reclinata* Jacq., *Phoenix roebelenii* O'Brien, *Phoenix sylvestris* (L.) Roxb., *Phoenix theophrasti* Greuter, *Pritchardia* Seem. & H. Wendl., *Ravenea rivularis* Jum. & H. Perrier, *Roystonea regia* (Kunth) O. F. Cook, *Sabal palmetto* (Walter) Lodd. ex Schult. & Schult. f., *Syagrus romanzoffiana* (Cham.) Glassman, *Trachycarpus fortunei* (Hook.) H. Wendl. and *Washingtonia* Raf. | IRL, P (Azores), UK" |

— il-punt li ġej jiżdied wara l-punt 9:

| | | |
|---|---|---|
| "10. *Thaumetopoea pityocampa* Denis & Schiffermüller | Pjanti ta' *Pinus* L., intiżi għat-tħawwil, minbarra frott u żrieragħ | UK" |

(ii) l-intestatura (b) qed tiġi emendata kif ġej:

— fil-punt 1, fit-tielet kolonna, "P" jitħassar;

— fil-punt 2, it-test fit-tielet kolonna qed jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"E (minbarra l-komunitajiet awtonomi ta' Andalucia, Aragón, Castilla la Mancha, Castilla y León, Extremadura, il-komunità awtonoma ta' Madrid, Murcia, Navarra u La Rioja, il-provinċja ta' Guipuzcoa (Pajjiż Bask), il-Comarcas ta' Garrigues, Noguera, Pla d'Urgell, Segrià u Urgell fil-provinċja ta' Lleida (Communidad autonoma de Catalunya), il-Comarcas de L'Alt Vinalopó u El Vinalopó Mitjà fil-provinċja ta' Alicante u l-muniċipalitajiet ta' Alborache u Turís fil-provinċja ta' Valencia (Comunidad Valenciana)), EE, F (Corsica), IRL (minbarra l-belt ta' Galway), I (Abruzzo, Apulia, il-Bażilikata, il-Kalabrija,

il-Kampanja, l-Emilja-Romanja (il-provinċji ta' Parma u Pjaċenza), il-Lazjo, il-Liguria, il-Lombardija (minbarra l-provinċji ta' Mantua, Milano, Sondrio u Varese), il-Marche, il-Moliże, il-Pjemonte (minbarra l-komuni ta' Busca, Centallo u Tarantasca fil-provinċja ta' Cuneo), Sardinja, Sqallija, it-Toskana, l-Umbrija, il-Valle d'Aosta, il-Veneto (minbarra l-provinċji ta' Rovigo u Venezja, il-komuni ta' Barbona, Boara Pisani, Castelbaldo, Masi, Piacenza d'Adige, S. Urbano u, Vescovana fil-provinċja ta' Padova u ż-żona li tinsab fin-nofsinhar tal-awtostrada A4 fil-provinċja ta' Verona)), LV, LT (minbarra l-muniċipalitajiet ta' Babtai u Kėdainiai (ir-reġjun ta' Kaunas)), P, SI (minbarra r-reġjuni ta' Gorenjska, Koroška, Maribor u Notranjska, u l-komuni ta' Lendava u Renče-Vogrsko (fin-nofsinhar tal-awtostrada H4)), SK (minbarra l-kontea ta' Dunajská Streda, Hronovce u Hronské Kľačany (il-Kontea ta' Levice), Dvory nad Žitavou (il-Kontea ta' Nové Zámky), Málinec (il-Kontea ta' Poltár), Hrhov (il-Kontea ta' Rožňava), Veľké Ripňany (il-Kontea ta' Topoľčany), Kazimír, Luhyňa, Malý Horeš, Svätuše u Zatín (il-Kontea ta' Trebišov)), FI, UK (l-Irlanda ta' Fuq: minbarra t-*townlands* ta' Ballinran Upper, Carrigenagh Upper, Ballinran, u Carrigenagh f'County Down, u ż-Żona Elettorali ta' Dunmurry Cross f'Belfast, County Antrim; l-Isle of Man u ċ-Channel Islands)."

— il-punt li ġej jiżdied wara l-punt 2:

| | | |
|---|---|---|
| "3. *Xanthomonas arboricola* pv. *pruni* (Smith) Vauterin *et al.* | Pjanti tal-*Prunus* L., intiżi għat-tħawwil, minbarra żrieragħ | UK" |

(iii) fl-intestatura (c), il-punt 0.0.1, fit-tielet kolonna, "UK" qed jiġi sostitwit bi "IRL, UK"

(iv) l-intestatura (d) qed tiġi emendata kif ġej:

— il-punt li ġej jiddaħħal wara l-punt 1:

| | | |
|---|---|---|
| "01. '*Candidatus* Phytoplasma ulmi' | Pjanti ta' *Ulmus* L., intiżi għat-tħawwil, minbarra żrieragħ | UK" |

— fil-punt 1, it-test fit-tielet kolonna qed jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"EL (minbarra l-Unitajiet Reġjonali ta' Argolida u Chania), M, P (minbarra Algarve, Madeira u l-kontea ta' Odemira f'Alentejo)"

(3) Il-Parti B tal-Anness III, qed tiġi emendata kif ġej:

(a) fil-punt 1, it-test fil-kolonna tal-lemin qed jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"E (minbarra l-komunitajiet awtonomi ta' Andalucia, Aragón, Castilla la Mancha, Castilla y León, Extremadura, il-komunità awtonoma ta' Madrid, Murcia, Navarra u La Rioja, il-provinċja ta' Guipuzcoa (Pajjiż Bask), il-Comarcas ta' Garrigues, Noguera, Pla d'Urgell, Segrià u Urgell fil-provinċja ta' Lleida (Communidad autonoma de Catalunya), il-Comarcas de L'Alt Vinalopó u El Vinalopó Mitjà fil-provinċja ta' Alicante u l-muniċipalitajiet ta' Alborache u Turís fil-provinċja ta' Valencia (Comunidad Valenciana)), EE, F (Corsica), IRL (minbarra l-belt ta' Galway), I (Abruzzo, Apulia, il-Bażilikata, il-Kalabrija, il-Kampanja, l-Emilja-Romanja (il-provinċji ta' Parma u Pjaċenza), il-Lazjo, il-Liguria, il-Lombardija (minbarra l-provinċji ta' Mantua, Milano, Sondrio u Varese), il-Marche, il-Moliże, il-Pjemonte (minbarra l-komuni ta' Busca, Centallo u Tarantasca fil-provinċja ta' Cuneo), Sardinja, Sqallija, it-Toskana, l-Umbrija, il-Valle d'Aosta, il-Veneto (minbarra l-provinċji ta' Rovigo u Venezja, il-komuni ta' Barbona, Boara Pisani, Castelbaldo, Masi, Piacenza d'Adige, S. Urbano u, Vescovana fil-provinċja ta' Padova u ż-żona li tinsab fin-nofsinhar tal-awtostrada A4 fil-provinċja ta' Verona)), LV, LT (minbarra l-muniċipalitajiet ta' Babtai u Kėdainiai (ir-reġjun ta' Kaunas)), P, SI (minbarra r-reġjuni ta' Gorenjska, Koroška, Maribor u Notranjska, u l-komuni ta' Lendava u Renče-Vogrsko (fin-nofsinhar tal-awtostrada H4)), SK (minbarra l-kontea ta' Dunajská Streda, Hronovce u Hronské Kľačany (il-Kontea ta' Levice), Dvory nad Žitavou (il-Kontea ta' Nové Zámky), Málinec (il-Kontea ta' Poltár), Hrhov (il-Kontea ta' Rožňava), Veľké Ripňany (il-Kontea ta' Topoľčany), Kazimír, Luhyňa, Malý Horeš, Svätuše u Zatín (il-Kontea ta' Trebišov)), FI, UK (l-Irlanda ta' Fuq: minbarra t-*townlands* ta' Ballinran Upper, Carrigenagh Upper, Ballinran, u Carrigenagh f'County Down, u ż-Żona Elettorali ta' Dunmurry Cross f'Belfast, County Antrim; l-Isle of Man u ċ-Channel Islands)."

(b) fil-punt 2, it-test fil-kolonna tal-lemin qed jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"E (minbarra l-komunitajiet awtonomi ta' Andalucia, Aragón, Castilla la Mancha, Castilla y León, Extremadura, il-komunità awtonoma ta' Madrid, Murcia, Navarra u La Rioja, il-provinċja ta' Guipuzcoa (Pajjiż Bask), il-Comarcas ta' Garrigues, Noguera, Pla d'Urgell, Segrià u Urgell fil-provinċja ta' Lleida (Communidad autonoma de Catalunya), il-Comarcas de L'Alt Vinalopó u El Vinalopó Mitjà fil-provinċja ta' Alicante u l-muniċipalitajiet ta' Alborache u Turís fil-provinċja ta' Valencia (Comunidad Valenciana)), EE, F (Corsica), IRL (minbarra l-belt ta' Galway), I (Abruzzo, Apulia, il-Bażilikata, il-Kalabrija, il-Kampanja, l-Emilja-Romanja (il-provinċji ta' Parma u Pjaċenza), il-Lazjo, il-Liguria, il-Lombardija (minbarra l-provinċji ta' Mantua, Milano, Sondrio u Varese), il-Marche, il-Moliże, il-Pjemonte (minbarra l-komuni ta' Busca, Centallo u Tarantasca fil-provinċja ta' Cuneo), Sardinja, Sqallija, it-Toskana, l-Umbrija, il-Valle d'Aosta, il-Veneto (minbarra l-provinċji ta' Rovigo u Venezja, il-komuni ta' Barbona, Boara Pisani, Castelbaldo, Masi, Piacenza d'Adige, S. Urbano u, Vescovana fil-provinċja ta' Padova u ż-żona li tinsab fin-nofsinhar tal-awtostrada A4 fil-provinċja ta' Verona)), LV, LT (minbarra l-muniċipalitajiet ta' Babtai u Kėdainiai (ir-reġjun ta' Kaunas)), P, SI (minbarra r-reġjuni ta' Gorenjska, Koroška, Maribor u Notranjska, u l-komuni ta' Lendava u Renče-Vogrsko (fin-nofsinhar tal-awtostrada H4)), SK (minbarra l-kontea ta' Dunajská Streda, Hronovce u Hronské Kľačany (il-Kontea ta' Levice), Dvory nad Žitavou (il-Kontea ta' Nové Zámky), Málinec (il-Kontea ta' Poltár), Hrhov (il-Kontea ta' Rožňava), Veľké Ripňany (il-Kontea ta' Topoľčany), Kazimír, Luhyňa, Malý Horeš, Svätuše u Zatín (il-Kontea ta' Trebišov)), FI, UK (l-Irlanda ta' Fuq: minbarra t-*townlands* ta' Ballinran Upper, Carrigenagh Upper, Ballinran, u Carrigenagh f'County Down, u ż-Żona Elettorali ta' Dunmurry Cross f'Belfast, County Antrim; l-Isle of Man u ċ-Channel Islands)."

(4) L-Anness IV qed jiġi emendat kif ġej:

(a) Il-Parti A qed tiġi emendata kif ġej:

(i) It-Taqsima I qed tiġi emendata kif ġej:

— fil-punt 2, it-test fil-kolonna tal-lemin qed jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"Il-materjal tal-injam għall-imballaġġ għandu:

— ikun magħmul minn injam mingħajr qoxra kif speċifikat fl-Anness I tal-Istandard Internazzjonali tal-FAO għal Miżuri Fitosanitarji Nru 15 dwar ir-Regolamentazzjoni tal-materjal tal-injam għall-ippakkjar fil-kummerċ internazzjonali

— jiġi sottopost għal wieħed mit-trattamenti approvati kif speċifikat fl-Anness I ta' dak l-istandard Internazzjonali, u

— juri marka kif speċifikat fl-Anness II ta' dak l-Istandard Internazzjonali, li tindika li l-materjal tal-injam għall-imballaġġ ikun ġie sottopost għal trattament fitosanitarju approvat skont dan l-istandard."

— fil-punt 5, it-test fil-kolonna tax-xellug qed jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"Injam ta' *Platanus* L., minbarra dak fil-forma ta':

— laqx, partikuli, serratura, ċana, skart u fdalijiet tal-injam,

— materjal tal-injam għall-imballaġġ, fil-forma ta' kontenituri għall-imballaġġ, kaxxi, ċestuni, tankijiet u ppakkjar simili, palits, kaxxi tal-palits jew twavel oħra għat-tagħbija, għenuq tal-palits, dunnage, kemm jekk effettivament jintużawx jew le fit-trasport ta' oġġetti ta' kwalunkwe tip, minbarra dunnage li jsostni konsenji tal-injam, li jkun magħmul minn injam tal-istess tip u kwalità bħall-injam fil-konsenja u li jissodisfa l-istess rekwiżiti fitosanitarji tal-Unjoni bħall-injam fil-konsenja,

iżda li jinkludi njam li ma jkunx żamm il-wiċċ tond naturali tiegħu, li joriġina mill-Armenja, mill-Isvizzera jew mill-Istati Uniti tal-Amerika."

— il-punti li ġejjin jiddaħħlu wara l-punt 7.3:

| | |
|---|---|
| "7.4. Kemm jekk imniżżel fil-kodiċijiet NM elenkati fil-Parti B tal-Anness V kif ukoll jekk le, injam ta' *Amelanchier* Medik., *Aronia* Medik., *Cotoneaster* Medik., *Crataegus* L., *Cydonia* Mill., *Malus* Mill., *Prunus* L., *Pyracantha* M. Roem., *Pyrus* L. u *Sorbus* L., minbarra dak fil-forma ta':<br>— laqx, serratura u ċana, miksub kollu jew parzjalment minn dawn il-pjanti, | Stqarrija uffiċjali li l-injam:<br>(a) joriġina minn żona ħielsa minn *Saperda candida* Fabricius, kif stabbilit mill-organizzazzjoni nazzjonali għall-protezzjoni tal-pjanti fil-pajjiż tal-oriġini, skont l-Istandards Internazzjonali rilevanti għal Miżuri Fitosanitarji, kif jissemma fuq iċ-ċertifikati msemmija fl-Artikolu 13(1)(ii) taħt ir-rubrika "Stqarrija addizzjonali",<br>jew |

— materjal tal-injam għall-imballaġġ, fil-forma ta' kontenituri tal-imballaġġ, kaxxi, ċestuni, tankijiet u ppakkjar simili, palits, kaxxi tal-palits u twavel oħra għat-tagħbija, għenuq tal-palits, dunnage, kemm jekk fil-fatt jintużawx jew le fit-trasport ta' oġġetti ta' kwalunkwe tip, minbarra dunnage li jsostni konsenji tal-injam, li jkun magħmul minn injam tal-istess tip u kwalità bħall-injam fil-konsenji u li jissodisfa l-istess rekwiżiti fitosanitarji tal-Unjoni bħall-injam fil-konsenja,

iżda li jinkludi dak li ma jkunx żamm il-wiċċ tond naturali tiegħu, li joriġina mill-Kanada u mill-Istati Uniti tal-Amerika.

(b) ikun għadda minn trattament xieraq tas-sħana sabiex tintlaħaq temperatura minima ta' 56 °C għal mill-inqas nofs siegħa konsekuttiva tul il-profil kollu tal-injam, li għandu jiġi indikat fuq iċ-ċertifikati msemmija fl-Artikolu 13(1)(ii),

jew

(c) ikun għadda minn radjazzjoni jonizzanti xierqa sabiex tintlaħaq doża minima assorbita ta' 1 kGy fl-injam kollu, li għandha tiġi indikata fuq iċ-ċertifikati msemmija fl-Artikolu 13(1)(ii).

7.5. Kemm jekk imniżżel fil-kodiċijiet NM elenkati fil-Parti B tal-Anness V kif ukoll jekk le, injam fil-forma ta' laqx li jkun inkiseb kollu jew parzjalment minn *Amelanchier* Medik., *Aronia* Medik., *Cotoneaster* Medik., *Crataegus* L., *Cydonia* Mill., *Malus* Mill., *Prunus* L., *Pyracantha* M. Roem., *Pyrus* L. u *Sorbus* L., li joriġina mill-Kanada u mill-Istati Uniti tal-Amerika.

Stqarrija uffiċjali li l-injam:

(a) joriġina minn żona stabbilita mill-organizzazzjoni nazzjonali għall-protezzjoni tal-pjanti fil-pajjiż tal-oriġini bħala li hija ħielsa minn *Saperda candida* Fabricius skont l-Istandards Internazzjonali rilevanti għal Miżuri Fitosanitarji, kif jissemma fuq iċ-ċertifikati msemmija fl-Artikolu 13(1)(ii) taħt ir-rubrika "Stqarrija addizzjonali",

jew

(b) ikun ġie pproċessat f'biċċiet bi ħxuna u wisa' ta' mhux iktar minn 2,5 cm,

jew

(c) ikun għadda minn trattament xieraq tas-sħana sabiex tintlaħaq temperatura minima ta' 56 °C għal mill-inqas nofs siegħa konsekuttiva tul il-profil kollu tal-laqx, li għandu jiġi indikat fuq iċ-ċertifikati msemmija fl-Artikolu 13(1)(ii)."

— fil-punt 14, it-test fil-kolonna tal-lemin qed jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet applikabbli għall-pjanti fl-Anness IV(A)(I)(11.4), Stqarrija uffiċjali li l-ebda sintomu ta' '*Candidatus* Phytoplasma ulmi' ma ġie osservat fil-post tal-produzzjoni jew fil-viċinanza immedjata tiegħu mill-bidu tal-aħħar ċiklu sħiħ ta' veġetazzjoni."

— il-punt li ġej jiddaħħal wara l-punt 14:

"14.1. Pjanti intiżi għat-tħawwil, minbarra brokk, biċċiet ta' pjanti, pjanti f'kultura tan-nisġa, trab tad-dakra u żrieragħ, ta' *Amelanchier* Medik., *Aronia* Medik., *Cotoneaster* Medik., *Crataegus* L., *Cydonia* Mill., *Malus* Mill., *Prunus* L., *Pyracantha* M. Roem., *Pyrus* L. u *Sorbus* L. li joriġinaw mill-Kanada u mill-Istati Uniti tal-Amerika.

Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet applikabbli għall-pjanti fl-Anness III(A)(9), u (18), fl-Anness III(B)(1), (2) jew fl-Anness IV(A)(I), (17), (19.1), (19.2), (20), (22.1), (22.2), (23.1) u (23.2) fejn xieraq, stqarrija uffiċjali li l-pjanti:

(a) ikunu ġew imkabbra tul ħajjithom kollha f'żona ħielsa minn *Saperda candida* Fabricius, stabbilita mill-organizzazzjoni nazzjonali għall-protezzjoni tal-pjanti fil-pajjiż tal-oriġini, skont l-Istandards Internazzjonali rilevanti għal Miżuri Fitosanitarji, kif jissemma fuq iċ-ċertifikati msemmija fl-Artikolu 13(1)(ii) taħt ir-rubrika "Stqarrija addizzjonali",

jew

| | |
|---|---|
| | (b) ikunu tkabbru għal perjodu ta' mill-inqas sentejn qabel l-esportazzjoni, jew fil-każ ta' pjanti li għandhom inqas minn sentejn, li tul ħajjithom kollha jkunu tkabbru f'post ta' produzzjoni stabbilit bħala ħieles minn *Saperda candida* Fabricius skont L-Istandards Internazzjonali rilevanti għal Miżuri Fitosanitarji:<br><br>(i) li jkun reġistrat u sorveljat mill-organizzazzjoni nazzjonali għall-protezzjoni tal-pjanti fil-pajjiż tal-oriġini,<br><br>u<br><br>(ii) li kull sena jkun ġie soġġett għal żewġ spezzjonijiet uffiċjali għal kwalunkwe sinjal ta' *Saperda candida* Fabricius li jkunu saru fi żminijiet xierqa,<br><br>u<br><br>(iii) fejn il-pjanti jkunu tkabbru f'sit:<br><br>— bi protezzjoni fiżika sħiħa kontra l-introduzzjoni ta' *Saperda candida* Fabricius,<br><br>jew<br><br>— bl-applikazzjoni ta' trattamenti preventivi xierqa u mdawwra b'żona ta' lqugħ b'wisa ta' mill-inqas 500 m fejn in-nuqqas ta' *Saperda candida* Fabricius kien ġie kkonfermat minn stħarriġ uffiċjali li jkun sar darba fis-sena fi żminijiet xierqa,<br><br>u<br><br>(iv) immedjatament qabel l-esportazzjoni l-pjanti jkunu ġew soġġetti għal spezzjoni metikoluża għall-preżenza ta' *Saperda candida* Fabricius, b'mod partikolari fiz-zkuk tal-pjanta, inkluż, fejn xieraq, kampjunar distruttiv." |

— il-punt 16.2 qed jiġi sostitwit b'dan li ġej:

| | |
|---|---|
| "16.2. Il-frott ta' *Citrus* L., *Fortunella* Swingle, *Poncirus* Raf., *Microcitrus* Swingle, *Naringi* Adans., *Swinglea* Merr., u l-ibridi tagħhom, li joriġina minn pajjiżi terzi | Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet applikabbli għall-frott fl-Anness IV(A)(I)(16.1), (16.3), (16.4), (16.5) u (16.6), stqarrija uffiċjali li:<br><br>(a) il-frott joriġina minn pajjiż rikonoxxut li huwa ħieles minn *Xanthomonas citri* pv. *citri* u *Xanthomonas citri* pv. *aurantifolii* skont L-Istandards Internazzjonali rilevanti għal Miżuri Fitosanitarji, sakemm l-organizzazzjoni nazzjonali għall-protezzjoni tal-pjanti tal-pajjiż terz ikkonċernat tkun ikkomunikat dan l-istatus ta' ħelsien bil-quddiem u bil-miktub lill-Kummissjoni,<br><br>jew |

(b) il-frott joriġina minn żona stabbilita mill-organizzazzjoni nazzjonali għall-protezzjoni tal-pjanti fil-pajjiż tal-oriġini bħala li hija ħielsa minn *Xanthomonas citri* pv. *citri* u *Xanthomonas citri* pv. *aurantifolii* skont l-Istandards Internazzjonali rilevanti għal Miżuri Fitosanitarji, kif jissemma fuq iċ-ċertifikati msemmija fl-Artikolu 13(1)(ii) taħt ir-rubrika "Stqarrija Addizzjonali", sakemm l-organizzazzjoni nazzjonali għall-protezzjoni tal-pjanti tal-pajjiż terz ikkonċernat tkun ikkomunikat dan l-istatus ta' ħelsien bil-quddiem u bil-miktub lill-Kummissjoni,

jew

(c) il-frott joriġina minn post ta' produzzjoni stabbilit mill-organizzazzjoni nazzjonali għall-protezzjoni tal-pjanti fil-pajjiż tal-oriġini bħala li huwa ħieles minn *Xanthomonas citri* pv. *citri* u *Xanthomonas citri* pv. *aurantifolii* skont l-Istandards Internazzjonali rilevanti għal Miżuri Fitosanitarji, kif jissemma fuq iċ-ċertifikati msemmija fl-Artikolu 13(1)(ii) taħt ir-rubrika "Stqarrija Addizzjonali",

jew

(d) is-sit tal-produzzjoni u l-viċinanza immedjata huma soġġetti għal trattamenti u prattiki kulturali xierqa kontra *Xanthomonas citri* pv. *citri* u *Xanthomonas citri* pv. *aurantifolii*,

u

il-frott ikun ġie soġġett għal trattament bis-sodju orthophenylphenate, jew trattament ieħor xieraq kif jissemma fuq iċ-ċertifikati msemmija fl-Artikolu 13(1)(ii), sakemm l-organizzazzjoni nazzjonali għall-protezzjoni tal-pjanti tal-pajjiż terz ikkonċernat tkun ikkomunikat il-metodu ta' trattament bil-quddiem u bil-miktub lill-Kummissjoni,

u

spezzjonijiet uffiċjali li jkunu jsiru fi żminijiet xierqa qabel l-esportazzjoni jkunu wrew li l-frott huwa ħieles minn sintomi ta' *Xanthomonas citri* pv. *citri* u *Xanthomonas citri* pv. *aurantifolii*,

u

informazzjoni dwar it-traċċabilità tkun inkluża fiċ-ċertifikati msemmija fl-Artikolu 13(1)(ii),

jew

(e) fil-każ ta' frott destinat għal ipproċessar industrijali, spezzjonijiet uffiċjali li jkunu saru qabel l-esportazzjoni jkunu wrew li l-frott huwa ħieles minn sintomi ta' *Xanthomonas citri* pv. *citri* u *Xanthomonas citri* pv. *aurantifolii*,

u

| | |
|---|---|
| | is-sit tal-produzzjoni u l-viċinanza immedjata huma soġġetti għal trattamenti u prattiki kulturali xierqa kontra *Xanthomonas citri* pv. *citri* u *Xanthomonas citri* pv. *aurantifolii,*<br><br>u<br><br>it-trasport, il-ħżin u l-ipproċessar iseħħu taħt kundizzjonijiet, approvati skont il-proċedura msemmija fl-Artikolu 18(2),<br><br>u<br><br>il-frott ikun ġie ttrasportat f'pakketti individwali li jkollhom tikketta, li jkun fiha kodiċi ta' traċċabilità u l-indikazzjoni li l-frott huwa destinat għal ipproċessar industrijali,<br><br>u<br><br>l-informazzjoni dwar it-traċċabilità tkun inkluża fiċ-ċertifikati msemmija fl-Artikolu 13(1)(ii)." |

— il-punt 16.3 qed jiġi sostitwit b'dan li ġej:

| | |
|---|---|
| "16.3. Frott ta' *Citrus* L., *Fortunella* Swingle, *Poncirus* Raf., u l-ibridi tagħhom, li joriġina minn pajjiżi terzi | Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet applikabbli għall-frott fl-Anness IV(A)(I)(16.1), (16.2), (16.4) u (16.5), stqarrija uffiċjali li:<br><br>(a) il-frott joriġina minn pajjiż rikonoxxut bħala li huwa ħieles minn *Cercospora angolensis* Carv. et Mendes skont l-Istandards Internazzjonali rilevanti għal Miżuri Fitosanitarji, sakemm l-organizzazzjoni nazzjonali għall-protezzjoni tal-pjanti tal-pajjiż terz ikkonċernat tkun ikkomunikat dan l-istatus ta' ħelsien bil-quddiem u bil-miktub lill-Kummissjoni,<br><br>jew<br><br>(b) il-frott joriġina minn żona rikonoxxuta bħala li hija ħielsa minn *Cercospora angolensis Carv. et Mendes,* skont l-Istandards Internazzjonali rilevanti għal Miżuri Fitosanitarji, kif jissemma fuq iċ-ċertifikati msemmija fl-Artikolu 13(1)(ii) taħt ir-rubrika "Stqarrija Addizzjonali", sakemm l-organizzazzjoni nazzjonali għall-protezzjoni tal-pjanti tal-pajjiż terz ikkonċernat tkun ikkomunikat dan l-istatus ta' ħelsien bil-quddiem u bil-miktub lill-Kummissjoni,<br><br>jew<br><br>(c) l-ebda sintomu ta' *Cercospora angolensis* Carv. et Mendes ma jkun ġie osservat fis-sit tal-produzzjoni u fil-viċinanza immedjata tiegħu mill-bidu tal-aħħar ċiklu ta' veġetazzjoni, u l-ebda frott maħsud fis-sit tal-produzzjoni ma jkun wera, f'eżami uffiċjali xieraq, sintomi ta' dan l-organiżmu." |

— il-punt 16.4 qed jiġi sostitwit b'dan li ġej:

| | |
|---|---|
| "16.4. Frott ta' *Citrus* L., *Fortunella* Swingle, *Poncirus* Raf., u l-ibridi tagħhom, minbarra frott ta' *Citrus aurantium* L. u ta' *Citrus latifolia* Tanaka, li joriġina minn pajjiżi terzi | Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet applikabbli għall-frott fl-Anness IV(A)(I)(16.1), (16.2), (16.3), (16.5), u (16.6), stqarrija uffiċjali li:<br><br>(a) il-frott joriġina minn pajjiż rikonoxxut bħala li huwa ħieles minn *Phyllosticta citricarpa* (McAlpine) Van der Aa, skont l-Istandards Internazzjonali rilevanti għal Miżuri Fitosanitarji, sakemm l-organizzazzjoni nazzjonali għall-protezzjoni tal-pjanti tal-pajjiż terz ikkonċernat tkun ikkomunikat dan l-istatus ta' ħelsien bil-quddiem u bil-miktub lill-Kummissjoni,<br><br>jew<br><br>(b) il-frott joriġina minn żona stabbilita mill-organizzazzjoni nazzjonali għall-protezzjoni tal-pjanti fil-pajjiż tal-oriġini bħala li hija ħielsa minn *Phyllosticta citricarpa* (McAlpine) Van der Aa skont l-Istandards Internazzjonali rilevanti għal Miżuri Fitosanitarji, kif jissemma fuq iċ-ċertifikati msemmija fl-Artikolu 13(1)(ii) taħt ir-rubrika "Stqarrija addizzjonali", sakemm l-organizzazzjoni nazzjonali għall-protezzjoni tal-pjanti tal-pajjiż terz ikkonċernat tkun ikkomunikat dan l-istatus ta' ħelsien bil-quddiem u bil-miktub lill-Kummissjoni,<br><br>jew<br><br>(c) il-frott joriġina minn post ta' produzzjoni stabbilit mill-organizzazzjoni nazzjonali għall-protezzjoni tal-pjanti fil-pajjiż tal-oriġini bħala li huwa ħieles minn *Phyllosticta citricarpa* (McAlpine) Van der Aa skont l-Istandards Internazzjonali rilevanti għal Miżuri Fitosanitarji, kif jissemma fuq iċ-ċertifikati msemmija fl-Artikolu 13(1)(ii) taħt ir-rubrika "Stqarrija addizzjonali",<br><br>u<br><br>il-frott jinstab li jkun ħieles minn sintomi ta' *Phyllosticta citricarpa* (McAlpine) Van der Aa wara spezzjoni uffiċjali ta' kampjun rappreżentattiv, definit skont l-Istandards Internazzjonali,<br><br>jew<br><br>(d) il-frott joriġina minn sit ta' produzzjoni li jkun ġie soġġett għal trattamenti u miżuri kulturali xierqa kontra *Phyllosticta citricarpa* (McAlpine) van der Aa,<br><br>u<br><br>ikunu saru spezzjonijiet uffiċjali fis-sit ta' produzzjoni matul l-istaġun tat-tkabbir mill-bidu tal-aħħar ċiklu ta' veġetazzjoni, u ma jkun ġie skopert ebda sintomu ta' *Phyllosticta citricarpa* (McAlpine) van der Aa fil-frott,<br><br>u |

| | |
|---|---|
| | spezzjoni uffiċjali li tkun saret qabel l-esportazzjoni, ta' kampjun rappreżentattiv, definit skont l-Istandards Internazzjonali, tkun sabet li l-frott maħsud minn dak is-sit ta' produzzjoni huwa ħieles minn sintomi ta' *Phyllosticta citricarpa* (McAlpine) Van der Aa,<br><br>u<br><br>informazzjoni dwar it-traċċabilità tkun inkluża fiċ-ċertifikati msemmija fl-Artikolu 13(1)(ii),<br><br>jew<br><br>(e) fil-każ ta' frott destinat għal ipproċessar industrijali, matul spezzjoni uffiċjali ta' kampjun rappreżentattiv, kif definit skont l-Istandards Internazzjonali, qabel l-esportazzjoni l-frott ikun instab li huwa ħieles minn sintomi ta' *Phyllosticta citricarpa* (McAlpine) Van der Aa,<br><br>u<br><br>dikjarazzjoni li l-frott jorġina minn sit ta' produzzjoni li jkun ġie soġġett għal trattamenti xierqa kontra *Phyllosticta citricarpa* (McAlpine) Van der Aa li jkunu saru fi żminijiet xierqa tkun inkluża fiċ-ċertifikati msemmija fl-Artikolu 13(1)(ii) taħt ir-rubrika "Stqarrija addizzjonali".<br><br>u<br><br>it-trasport, il-ħżin u l-ipproċessar iseħħu taħt kundizzjonijiet, approvati skont il-proċedura msemmija fl-Artikolu 18(2),<br><br>u<br><br>il-frott ikun ġie ttrasportat f'pakketti individwali li jkollhom tikketta, li jkun fiha kodiċi ta' traċċabilità u l-indikazzjoni li l-frott huwa destinat għal ipproċessar industrijali,<br><br>u<br><br>l-informazzjoni dwar it-traċċabilità tkun inkluża fiċ-ċertifikati msemmija fl-Artikolu 13(1)(ii)." |

— il-punt li ġej jiddaħħal wara l-punt 16.5:

| | |
|---|---|
